MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH D. CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH A. FILLETTI**

Seduta tat-12 ta' Jannar, 2009

Appell Civili Numru. 1012/1993/1

**Salvatore Falzon**

**v.**

**Ismail Hazzouri u Anna Hazzouri f'isimhom propju u ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta` I.S.M Agricultural Limited**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors tal-konjugi Hazzouri personalment tal-20 ta' Ottubru 2008 li permezz tieghu talbu li din il-Qorti tammettihom ghall-beneficcju tal-garanzija bil-gurament;

Rat l-atti rilevanti; semghet id-deposizzjonijiet tal-lum tal-istess appellanti; semghet lill-Avukat Dott. Stephen Thake ghall-appellanti rikorrenti, kif ukoll lill-Avukat Dott. Robert Mangion ghall-appellat Salvatore Falzon;

Rat l-Art. 904(1) tal-Kap. 12;  peress li mhix sodisfatta li l-appellanti ma kellhomx mezzi sufficjenti biex jiddepozitaw il-kawtela, u anqas ma hi sodisfatta li llum m'ghandhomx tali mezzi, anzi hi sodisfatta li bi ftit sforz setghu jiddepozitaw il-kawtela skond il-ligi;

Tichad it-talba tar-rikorrenti ghall-ammissjoni ghall-beneficcju tal-garanzija bil-gurament.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------